

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-16 ta' Dicembru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Giudice di pace di Massa – l-Italja) – GN, WX vs Prefettura di Massa Carrara – Ufficio Territoriale del Governo di Massa Carrara

(Kawża C-274/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 63 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Ċirkulazzjoni fit-toroq – Reġistrazzjoni u tassazzjoni ta' vetturi bil-mutur – Xufier li jirrisjedi fi Stat Membru – Vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor – Vettura mqiegħda għad-dispożizzjoni mingħajr hłas għal żmien qasir – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-persuni li jirrisjedu fl-Italja għal iktar minn 60 jum milli jsuqu f'dan l-Istat Membru vettura rreġistrata barra mill-pajjiż)

(2022/C 84/16)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Giudice di pace di Massa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: GN, WX

Konvenut: Prefettura di Massa Carrara – Ufficio Territoriale del Governo di Massa Carrara

Dispożittiv

L-Artikolu 63(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprojbixxi lil kull persuna li tkun stabbilixxiet ir-residenza tagħha f'dan l-Istat Membru għal iktar minn 60 jum milli ssuq fih vettura bil-mutur irreġistrata fi Stat Membru ieħor, u dan irrispettivament mill-persuna li f'isimha tkun irreġistrata din il-vettura, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni t-tul tal-użu tal-imsemmija vettura fl-ewwel Stat Membru u mingħajr ma l-persuna kkonċernata tkun tista' tinvoka dritt għal eżenzjoni meta din l-istess vettura la tkun intiża li tintuża essenzjalment fl-ewwel Stat Membru b'mod permanenti u lanqas, fil-fatt, ma tintuża b'dan il-mod.

⁽¹⁾ ĠU C 297, 7.9.2020.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-21 ta' Diċembru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – XY vs Finanzamt V

(Kawża C-394/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-kapital – Artikoli 63 u 65 TFUE – Leġiżlazzjoni nazzjonali dwar it-taxxa tas-suċċessjoni – Beni immobbli li jinsabu fit-territorju nazzjonali – Tassazzjoni parzjali – Trattament iddifferenzjat tar-residenti u tal-persuni mhux residenti – Dritt għal tnaqqis fuq il-bażi taxxabbli – Tnaqqis proporzjonali fil-każ ta' ssuġġettar parzjali – Obbligi marbuta mal-ishma rriżervati – Assenza ta' tnaqqis fil-każ ta' ssuġġettar parzjali)

(2022/C 84/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: XY

Konvenut: Finanzamt V